**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**21 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru 22/2013**

**Kenneth Abela**

**Vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorzi u permez ta' digriet datat 21 ta' Mejju 2019 l-atti gew trasfuzi f'isem ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell ta' **Kenneth Abela** datat 27 ta' Dicembru 2010 indirizzat lis-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

***"APPLIKAZZJONI – PERSUNA KOMPETENTI F''LPG TECHNOLOGY'***

*Skont Artikolu 10 tar-Resources Appels Board (Procedure) Regulations, 2009 nixtieq nissottimetti dan li gej.*

*(i) Decizjoni – Ircivejt ittra/decizjoni mill-MRA datata 15 ta' Dicembru 2010, li qed nehmez.*

*(ii) L-istorja – Jien kont applikajt biex inkun persuna kompetenti f'LPG Technology, u qghadt b'success ghall-kors organizzat mill-MRA stess. Filfatt ircevejt il-konferma tal-European Regulation Scheme for Personnel Competence. Skont l-email datata 7 ta' Ottubru 2010 mill-Ing Stephen Mifsud jien kont gejt mitlub naghti dokumenti addizzjonali – kondotta tal-Pulizija u kopja tal-P.I. Insurance. Dan ghamiltu. Sorpretendetament issa rcevejt id-decizjoni li ma nistax inkun persuna kompetenti minhabba li m'ghandix warrant ta' inginier.*

*(iii) <u>Ghalfejn l-Appell</u> – L-ittra tal-MRA tghid li jien ma nistax nigi approvat bhala persuna kompetenti mill-Bord tal-MRA minhabba li skont l-AL 249/2008 applikant irid ikollu warrant ta' inginier. Dan mhux korrett. Id-definizzjoni ta' 'persuna kompetenti' skont l-A.L. hu kif jidher hawn taht, "persuna kompetenti" tfisser persuna approvata mil-Awtorita' li ghandha warrant biex tipprattika l-professjoni ta' inginier taht l-Att dwar il-Professjoni tal-Inginerija jew il-kwalifika professjonali ekwivalenti taht l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki, u li jkollha tahrig tajjeb, gharfien sufficjenti, esperjenza u kapacita' fit-teknologija tal-gass hekk kif approvati mill-Awtorita'…*

*Fil-kaz tieghi,*
*a. Jiena diga' kont issottomettejt certifikat mill-MQC li jikkonferma li jien ghandi l-kwalifiki rikonoxxuti (Mehmuz), u*
*b. Kif jidher mis-CV tieghi li qed nehmez, jien ilni ghexieren ta' snin Chartered Engineer u European Engineer.*
*c. Zgur li wara tal-anqas 4 snin bhala Manager tal-Gas Division tal-Korporazzjoni Enemalta ghandi l-esperjenza u gharfien mehtieg.*
*(iv) Talba – Ghalhekk qed nitlob lill-Bord tal-Appell biex jikkancella d-decizjoni tal-Bord tal-MRA u jordna lill-MRA tikkonfermani bhala persuna kompetenti f''LPG Technology', skont A.L. 249/2008."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi** li permezz taghha irrispondiet is-segwenti:-

*"1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva li skont kif stabbilit mill-artikolu 34 tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi, appella quddiem il-Bord tal-Appelli jista' jsir ghar-ragunijiet li gejjin:*
*(a) li jkun sar zball materjali dwar il-fatti;*
*(b) li kien hemm zball materjali fil-procedura;*
*(c) li jkun sar zball fil-ligi;*
*(d) li kien hemm xi llegalita' materjali, inkluza l-irragonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalita'.*
*L-esponenti jirrileva li l-appell tar-rikorrent mhux qieghed isir fuq wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-ligi, ghaldaqstant l-appell ghandu jigi michud.*
*2. Illi preliminarjament l-esponenti jissottometti li skont il-ligi, specifikament l-artikolu 34 (4) tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi, fid-determinazzjoni ta' appell, dan l-Onorabbli Bord ghandu jqis il-merti tal-appell, u jista', ghal kollox jew f'parti, jikkonferma jew jannulla jew ivarja d-decizjoni appellate, izda ma jistax jaghmel dak li talab l-appellant jigifieri li jordna lill-Awtorita' tikkonferma lill-appellanti bhala persuna kompetenti f'LPG technology, skont l-A.L. 249 tal-2008.*
*3. Illi l-ligi (definizzjoni ta' persuna kompetenti – regolament 2 tal-A.L. 249 tal-2008) tassattivament tehtieg li persuna kompetenti ghandha tkun persuna li "ghandha warrant biex tipprattika il-professjoni ta' inginier taht l-Att dwar il-Professjoni ta' Inginerija", liema warrant ma ghandu l-appellanti in kwistjoni.*
*4. Illi l-ligi tghid ukoll li persuna kompetenti tista' tkun ukoll min ikollu "kwalifika professjonali ekwivalenti taht l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki u li jkollha tahrig tajjeb, gharfien sufficjenti, esperjenza u kapacita' fit-teknologija tal-gass hekk kif approvati mill-Awtorita'…". L-appellant pero', kemm bid-dokumentazzjoni prodotta mill-Awtorita' bhala parti mill-applikazzjoni tieghu, kif ukoll bid-dokumentazzjoni li ssottometta mal-appell tieghu, ma pprovdiex provi bizzejjed sabiex jissodisfa l-istandard*

*mehtieg mill-Awtorita' jigifieri l-istandard ta' persuna li ghandha l-ekwivalenti ta' warranr biex tipprattika l-professjoni ta' inginier taht l-Att dwar il-Professjoni tal-Inginerija. Kulma jsemmi d-dokument intitolat 'Recognition of Qualifications' tad-data 5 ta' Frar 2009 huwa li testwalment:*
*"MQRIC confirms that both the "Manchester Metropolitan University" and the "Cranfield University"_are the institutions which are recognized by the UK authorities as having the power to award their own degrees/diplomas and so their degrees/diplomas are also recognized. Thus the abovementioned qualifications are recognized."*
*Dik l-ittra ziedet tghid ukoll li:*
*"May I kindly point out that the Mutual Recognition of Qualifications Act XVIII of 2002 empowers Designated Authorities to make further evaluation of qualifications and experience. If the intention is that of practising a profession, in terms of the aforementioned Act one has to submit an application to the relevant Designated Authority requesting authorisation to practice the profession.*
*Moreover, the MQRIC points out that those boards, officially appointed to make recommendations on qualifications' allowances or to conduct a selection process in connection with a recruitment or promotion/progression exercise, are also empowered to further evaluate qualifications."*
*Kienet proprju din il-htiega li ma gietx sodisfatta mill-appellant jigifieri il-warrant biex jipprattika l-professjoni ta' inginier taht l-Att dwar il-Professjoni ta' Inginerija jew l-ekwivalenti tieghu.*
*F'ittra ohra successiva minghand il-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) lill-appellant datata 19 ta' Frar 2009, kien jinghad ukoll li:*
*"On the strength of the information received from Cranfield University and the Manchester Metropolitan University, MQRIC confirms your:*
*1. HND Matallurgy (1979) is equivalent to 120 credits at Level 4;*
*2. Polytechnic Diploma Part II Metallurgy (1980) is equivalent to a Bachelor's degree with Honours; and the*
*3. MSc Course (1981) in Welding awarded by the Department of materials at Cranfield University is classified at Level 7 of the National Qualifications Framework."*
*Imkien mill-precedenti ma jista' jigi dezunt li l-appellant kiseb l-ekwivalenza tal-warrant ta' inginier. L-appellant isemmi wkoll li ghandu kwalifiki ohra bhal European Engineer (Eur. Ing) jew ta' Chartered Engineer, izda dawk il-kwalifiki mhumiex meqjusa mill-Awtorita' bhala sodisfacentement ekwivalenti.*
*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li l-Bord tal-Appelli jirrijuta t-talba tal-appellant u li jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita' tal-15 ta' Dicembru 2010."*

Ra illi kienu saru seduti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi tant li l-process kien wasal fl-istadju finali tieghu fejn kienet se tinghata sentenza mill-imsemmi Bord[1];

Ra illi l-funzjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar i-Rizorsi gew assorbiti minn dan it-Tribunal in segwitu ghad-dhul fis-sehh tal-Kapitol 490 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-appell intbaghat sabiex ikompli jinstema' quddiem dan it-Tribunal;

[1] Minuti tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2012 a fol. 8

Ra illi dan it-Tribunal, ghal darbtejn[2], astjena milli jiehu konjizzjoni tal-appell billi f'kazijiet fejn appell ikun differit ghas-sentenza, is-sentenza riedet tinghata mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi u dan skond il-*proviso* tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 490[3];

Ra li ghalhekk l-atti ntbaghtu lura quddiem l-imsemmi Bord, li pero` rrizulta li qatt ma rega' gie kostitwit, u ghalhekk l-appell baqa' pendenti;

Ra illi r-rikorrent ipprezenta rikors kostituzzjonali fejn allega li kienu qeghdin jinkisrlu d-drittijit fundamentali tieghu li l-appell tieghu jigi mismugh u deciz fi zmien ragjonevoli;

Ra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tas-27 ta' Gunju 2018 li permezz taghha gie ordnat lil dan it-Tribunal bhala l-*forum necessitatis* biex fi zmien qasir jisma' u jiddeciedi dan l-appell[4];

Ra illi dan l-appella rega' gie a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal fis-17 ta' Settembru 2018 u gie appuntat ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-predecessur tar-Regolatur intimat datata 15 ta' Dicembru 2010 (a fol. 39) li permezz taghha gie infurmat illi l-Bord tal-Awtorita` Maltija tar-Rizorsi (MRA) ma setghax japprovah bhala "persuna kompetenti" fit-teknologija tal-LPG peress li ma kellux *warrant* ta' Inginier.

---

[2] Ara verbali fol. 61 u 62

[3] *Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-proċeduri pendenti quddiem dawk il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fis-subartikolu (1) li jkunu ġew differiti għas-sentenza jew għat-trattazzjoni finali bil-fomm jew permezzta' sottomissjonijiet bil-miktub fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għandhom jibqgħu jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-istess persuni, korpi u tribunali amministrattivi u mhux mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

[4] A fol. 67 *et sequitur*

Illi **r-rikorrent** xehed illi fiz-zmien li applika sabiex jigi approvat bhala "persuna kompetenti" huwa kien maniger amministrattiv fil-Korporazzjoni Enemalta u qabel dak iz-zmien kien ghamel zmien twil imexxi d-divizjoni tal-gass. Jispjega li fis-sena 2010 l-MRA kienet harget applikazzjonijiet ghal min jinteressah isir "persuna kompetenti" fil-qasam tal-gass. Peress li huwa diga` kellu esperjenza, min ihaddmu kien hajjru biex japplika. Dan il-kors kien jiswa elf u mitt ewro (€1100) u hu hekk ghamel allavolja ma kellux warrant ta' Inginier, u dan ghaliex xorta kellu numru ta' kwalifiki bhal *European Engineer* u *Chartered Engineer*. Jispjega li huwa gab ukoll konferma mill-Malta Qualifications Authority illi l-kwalifiki tieghu huma rikonoxxuti minnhom. Jispjega li r-rwol ta' "persuna kompetenti" fil-qasam tal-gass huwa persuna li ticcertifika installazzjonijiet tal-gass, kemm tad-dar u kemm installazzjonijiet kbar. Jispjega li l-MRA ircevew l-applikazzjoni tieghu, inkluz *curriculum vitae*, u accetawh li jaghmel il-kors. Il-kors ghamlu u temmu b'success. Sussegwentement applika mal-MRA biex jigi rikonoxxut bhala "persuna kompetenti" u rcieva risposta fin-negattiv peress li ma kellux *warrant* ta' Inginier. Huwa kiteb lura lill-MRA fejn spjegalhom illi l-ligi ma tghidx illi biex wiehed jigi rikonoxxut bhala "persuna kompetenti" jrid ikollu *warrant* ta' Inginier izda jista' jkollu kwalifici ekwivalenti. L-MRA irrispondiet fis-sens li ma kinitx qed taccetta l-kwalifici tieghu. Illi l-kwalifici akkademici tieghu huma riprodotti a fol. 35 u jinkludu s-segwenti:-

*"Master of Science (M. Sc.) in Welding Technology (Cranfield Institute Technology, UK)*
*Polytechnic Diploma Part 2 in Metallurgy (Manchester Polytechnic)*
*Higher National Diploma (HND) in Metallurgy (Manchester Polytechnic)*
*Diploma in Risk Management (IRM<UK)*
*Associateship Diploma in Insurance (CII, UK) [Equivalent to a first degree in Management]*
*Zertifikat Deutch als Fremdsprache in German*
*'A' Levels in Chemistry, Physics and Pure Mathematics*
*University Matriculation in Maltese and in Religion*
*GCE Ordinary level in Maltese, English Language, English Literature, Physics, Chemistry, Biology, Mathematics, Italian"*

Il-kwalifici professjonali tar-rikorrenti riportati a fol. 35 huma s-segwenti:-

*"European Engineer (Eur.Ing.)*
*European Welding Engineer*
*Chartered Engineer (C.Eng)*
*Professional Member, Institute of Materials, UK (M. Weld. I.)*
*Member of Chartered Insurance Institute (UK)*
*Member of the Institute of Risk Management (UK)*
*Member of the Institute of Petroleum (UK)"*

**Dr. Noel Camilleri**, Cermen tal-Bord tal-Professjoni tal-Inginiera, spjega illi r-rikorrent kien applika ghall-*warrant* fl-2017 u wara deliberazzjoni l-Bord infurmah illi:

*"I refer to your application dated 24th December 2017 for the issue of a Warrant to practice the profession of Engineer in Malta.*

*The Engineering Professions Board has examined your latest application and your previous one and it does not seem that there were any changes that merit that the Board calls you in for an interview. May I remind you that in terms of the Court judgement dated 5th October 2001, the Board's previous decision was confirmed in toto."*

Illi mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta wkoll illi fl-1995 ir-rikorrent kien ipprezenta kawza kontra numru ta' persuni fejn kien talab li tigi revokata decizjoni tal-Bord tal-Professjoni tal-Inginiera li permezz taghha kienu cahdu t-talba tieghu biex jinghata *warrant* ta' Inginier. Illi permezz ta' sentenza datata 5 ta' Ottubru 2001 (a fol. 177 *et seq*) il-Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba tar-rikorrent wara li kkunsidrat illi r-rikorrent ma ssodisfax ir-rekwiziti li timponi l-ligi biex tintitolah japplika ghal tali *warrant* u dan stante li l-ebda wiehed mic-certifikati prodotti minnu ma kien jammonta ghal kwalifika professjonali ekwivalenti ghall-grad ta' Bacellerat fl-Inginerija fl-Universita` ta' Malta.

Illi sussegwentement ir-rikorrent kien ilmenta mal-istituzzjonijiet Ewropej dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifici esteri li huwa kien ottjena ai fini tal-ghoti tal-*warrant* ta' Inginier. Dwar dan huwa esebixxa sensiela ta' dokumenti minn fol. 239 sa fol164. Jirrizulta illi fil-21 ta' Ottubru 2008 il-Kummissjoni Ewropeja harget opinjoni illi bl-agir taghha Malta kienet qieghda tikser id-Direttiva 2005/36/EC u li ghalhekk ir-rikorrent kellu jappella d-decizjoni tal-Bord tal-Professjoni tal-Inginiera fil-Qrati Maltin.[5] Madankollu, fl-20 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni, wara li rceviet ir-reazzjoni ta' Malta, ikkonkludiet illi Malta kienet qieghda tapplika korrettement id-Direttiva in kwistjoni fil-kaz tar-rikorrent u li ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-legislazzjonji tal-Unjoni Ewropeja.[6]

## Ikkunsidra:

Illi dan l-appell inbeda disa' snin ilu u sfortunatament ha dan iz-zmien kollu sabiex jigi deciz ghaliex il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, li kellu dmir jiddeciedi dan l-appell, gie xolt u qatt ma rega' gie kostitwit. B'hekk dan it-Tribunal gie dikjarat bhala *forum necessitatis* mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

---

[5] A fol. 253
[6] A fol. 259

(Sede Kostituzzjonali) permezz ta' sentenza datata 27 ta' Gunju 2018 biex jiehu konjizzjoni ta' dan l-appell.

Illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal jaghmel referenza ghar-rikors tar-Regolatur intimat tas-26 ta' Ottubru 2018 li permezz tieghu kien talab li ssir it-trasfuzjoni tal-atti f'ismu in vista li llum il-gurnata huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. It-Tribunal qieghed jilqa' tali talba u jordna t-trasfuzjoni tal-atti f'isem ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u Ilma.

Illi dan l-appell jitratta dwar ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt (aktar 'il quddiem "LPG") liema Regolamenti dak iz-zmien kienu jinsabu fil-Legislazzjoni 423.31.[7] Maz-zmien dawn ir-Regolamenti gew emendati. Madankollu, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dan l-appell irid jigi ezaminat abbazi tar-Regolamenti fiz-zmien li fih ghamel l-applikazzjoni in dizamina r-rikorrenti, u cioe` fl-2010. Il-Legislazzjoni Sussidjarja 423.31 giet in vigore permezz tal-Avviz Legali 249 tal-2008. Illi abbazi tal-istess Regolamenti, fit-28 ta' Jannar 2010, l-MRA kienet harget *press release* fejn infurmat lill-pubbliku illi kienet se taghmel kors sabiex ticcertifika persuni kompetenti sabiex jaghmlu assessjar, supervizjoni, alterazzjonijiet u certifikazzjoni ta' facilitajiet awtorizzati tal-LPG. Din il-*press release* kienet tghid ukoll is-segwenti "*The course is open for persons who hold a warrant to practice the profession of an engineer under the Engineering Profession Act or the equivalent professional qualification as provided under the Mutual Recognition of Qualifications Act.*" (a fol. 102).

Illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni ghall-imsemmi kors li minnha jirrizulta illi fl-ispazju fejn suppost kellu jikteb in-numru tal-*warrant* ta' Inginier huwa kiteb *"CV enclosed"*, liema CV kienet tirrifletti l-kwalifici li kellu u wkoll l-*employment history* tieghu.[8]

Illi l-Avviz Legali 249 tal-2008 kien jistipula illi *"**persuna kompetenti" tfisser persuna approvata mill-Awtorità li ghandha warrant biex tipprattika il-professjoni ta' inginier taht l-Att dwar il-Professjoni ta' l-Inginerija jew il-kwalifika professjonali ekwivalenti taht l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki**, u li jkollha tahrig tajjeb, gharfien sufficjenti, esperjenza u kapacità fit-teknologija tal-gass hekk kif approvati mill-Awtorità biex:*

*(a) twettaq spezzjonijiet ta' verifika tal-facilitajietawtorizzati li ghandhom jinkludu dan li gej:*

*(i) installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet;*

*(ii) facilitajiet sekondarji tal-hzin tal-GPL;*

---

[7] illum Legislazzjoni Sussidjarja 545.20

[8] A fol. 104, 105 u 106

*(iii) stazzjonijiet minn fejn jinbiegh l-autogas bl-imnut.*
*(b) tissorvelja t-tibdil materjali li jsir fil-facilitajiet awtorizzati, installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet, facilitajiet ta' hzin sekondarji tal-GPL, u fl-istazzjonijiet minn fejn jinbiegh l-autogas bl-imnut;*
*(c) ticcertifika bil-miktub illi l-facilitajiet awtorizzati, installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet, facilitajiet sekondarji ta' hzin tal-GPL, jew stazzjonijiet minn fejn jinbiegh l-autogas bl-imnut huma mfassla u mizmuma kif stabbilit fil-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni u skond linji gwida u*
*Kodici ta' Prattika debitament approvati mill-Awtorità;*
*(d) twettaq xoghol iehor ta' natura teknika li jkun kumplimentari jew ancillari ma' dak imsemmi aktar qabel."*

Illi wara li r-rikorrent temm b'success il-kors hawn fuq imsemmi u applika sabiex jigi approvat bhala "persuna kompetenti" l-Awtorita` infurmatu li ma kinitx qieghda tapprovah bhala "persuna kompetenti" fit-teknologija tal-LPG **peress li ma kellux *warrant* ta' Inginier.**

Illi jibda biex jinghad illi kif ga intwera iktar 'il fuq, l-Avviz Legali 249 tal-2008 ma kienx jillimita li persuna tista' tigi konsiderata bhala kompetenti jekk ikollha *warrant* ta' Inginier biss. Il-ligi kienet cara hafna u, a differenza tal-lum il-gurnata, kienet tinkludi wkoll dawk il-persuni li jkollhom kwalifici professjonali ekwivalenti. Kwindi il-fatt li d-decizjoni appellata tat bhala **raguni biss** illi r-rikorrenti m'ghandux *warrant* ta' inginier m'hijiex wahda gusta ghaliex ma jirrizultax illi da parti tal-MRA sar xi ezercizzju biex jaraw jekk il-kwalifici professjonali fil-pussess tar-rikorrent kinux ekwivalenti. Pero` it-Tribunal huwa tal-fehma li minflok semplicement jieqaf hawn ghandu jinoltra ruhu u jinvesti anke l-kwistjoni tal-ekwivalenza stante li din anke tqajjmet sussegwentement fil-kors tal-appell, tant li l-Bord ta' dak iz-zmien kien ta zmien lill-Awtorita` sabiex tirrikonsidra l-posizzjoni taghha, wara liema l-Awtorita` kienet zammet ferma l-posizzjoni taghha anke wara li kkunsidrat dan il-punt.[9]

Illi mid-dokument esebit a fol. 117 u datat 7 ta' Lulju 2009 jirrizulta illi l-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki ikkonferma s-segwenti dwar il-kwalifici akkademici tar-rikorrent, u cioe`:

1. *HND Metallugy (1979) is equivalent to 120 credits at Level 4;*
2. *Polytechnic Diploma Part II Metallurgy (1980) is equivalent to a Bachelor's degree with Honours; and the*
3. *MSc Course (1981) in Welding awarded by the Department of Materials at Cranfield University is classified at Level 7 of the National Qualifications Frameowork.*

[9] Ara minuti tal-10 ta' Novembru 2011 a fol. 21 u l-minuti a fol. 19

Illi m'hemmx kontestazzjoni illi l-Bord ghall-Professjoni tal-Inginiera mhux qieghed jirrikonoxxi l-kwalifici akkademici tar-rikorrenti bhala ekwivalenti ghall-grad ta' Bacellerat tal-Inginerija offrut mill-Universita` ta' Malta. Pero` hawn mhux qieghda tigi trattata l-kwistjoni tal-*warrant.* Hawn qieghda tigi ezaminata x'jaghmel "persuna kompetenti" taht legislazzjoni specifika ghal ghan specifiku. Illi huwa fid-dominju pubbliku minn semplici tfittxija fuq is-sit tal-Universita` illi l-kors ta' Bacellarat fl-Inginierija huwa kklassifikat bhala Livell 6 skond in-*National Qualifications Framwork.*[10] Minn dak li jirrizulta mid-dokument citat fil-paragrafu ta' qabel dan jirrizulta illi l-Magisteru ottenut fl-1981 mir-rikorrenti huwa kklassifikat f'Livell 7. Dan allura huwa izjed bhala livell mill-grad ta' Bacellerat fl-Inginerija.

Madankollu dak li tistipula l-Legislazzjoni Sussidjarja in kwistjoni huwa li l-ekwivalenza ***ta' kwalifika professjonali trid temani mill-Att dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki****.* Artikolu 3 tal-istess Att jirrizulta illi: *"Dan l-Att japplika għall-professjonijiet u l-attivitajiet professjonali elenkati fl-Iskeda, b'dan li ebda applikant ma jkollu jedd jeżerċita professjoni regolata jew attività professjonali regolata kemm-il darba ma jwettaqx il-kondizzjonijiet biex jibda jeżerċita jew iwettaq l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni jew attività skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi elenkata fl-Iskeda."* Illi l-professjoni tal-Inginiera hija wahda mill-professjonijiet elenkati fl-imsemmija Skeda.

Illi t-Tribunal, wara li kkonsidra l-kwalifici akkademici u l-esperjenza lavorattiva tar-rikorrent, huwa tal-fehma illi dawn l-istess kwalifici huma ekwivalenti ghall-grad akkademiku ta' Bacellerat fl-Inginerija, jew izjed, pero` la darba iz-zewg rekwiziti biex persuna titqies bhala kompetenti trid jew ikollha *warrant* jew inkella jkollha kwalifika professjonali ekwivalenti taht l-Att Dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki, dan jirrizulta li ma hux il-kaz tar-rikorrent. Mill-provi prodotti jirrizulta illi huwa la qatt inghata *warrant* u lanqas wettaq il-kundizzjonijiet elenkati fl-Att dwar l-Inginiera (Kapitolu 321) sabiex ikun jikkwalifika li jkollu l-imsemmi *warrant.* Di fatti artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 321 jistipula li *"Persuna ma tikkwalifikax għal warrant ħlief jekk -*

*(a) tkun ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru jew li tkun xort'oħra legalment intitolata li taħdem f'Malta;*

*(b) tkun ta' kondotta tajba;*

*(ċ) tkun kapaċi għal kollox skont il-liġi; u*

*(d) tkun issodisfat lill-Bord li -*

*(i) ikollha dak il-grad tal-Università ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija li t-tnejn li huma, fiż-żmien rilevanti, jkunu rikonoxxuti mill-Bord bħala sufficjenti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu;*

---

[10] https://ncfhe.gov.mt/en/Pages/MQF.aspx

*(ii) għal perijodu ta' mhux anqas minn sena qabel jew wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija fis-subparagrafu (i) tkun għamlet taħriġ prattiku fl-inġinerija approvat mill-Bord; u*
*(iii) għal perijodu ta' mhux anqas minn sentejn wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija fis-subparagrafu (i) tkun tħarrġet fil-prattika tal-professjoni taħt is-sorveljanza ta' inġinier li jkunfil-prattika.*
*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)(d), persuna li fl-1 ta' Jannar, 1988 tkun diġà għal perijodu ta' mhux anqas minn ħmistax-il sena qabel dik id-data okkupat posizzjoni responsabbli fl-inġinerija, tista' tiġi eżentata mill-Bord milli jkollha r-rekwiżiti msemmija fis-subartikolu (2)(d), u wara li jsirilha b'suċċess assessment professjonali u akkademiku mill-Bord, jekk tkuntissodisfa l-paragrafi (a), (b) u (ċ), jingħatalha l-warrant."*

Illi kif xehed ic-Cermen tal-Bord tal-Bord tal-Professjoni tal-Inginiera, ghalkemm ir-rikorrent applika biex jinghata l-*warrant,* il-Bord kien tal-fehma li ma kienx jilhaq il-kriterja stabbiliti fl-Att hawn fuq citat.

Kwindi ghalkemm l-MRA, meta giet biex tiehu d-decizjoni taghha, waqfet fuq il-kwistjoni tal-*warrant,* xorta wahda fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ir-rikorrent ma kienx jikkwalifika biex jitqies bhala "persuna kompetenti" fejn tidhol l-ekwivalenza tal-kwalifki professjonali. U dan ghaliex il-Bord tal-Professjoni tal-Inginiera hass li l-kwaliki professjonali tar-rikorrent ma kinux tali li jista' jezercita l-professjoni hawn Malta. Dan minkejja li bil-kwalifici li ghandu r-rikorrent jista' jaghti l-kaz li jista' jezercita l-professjoni ta' Inginier barra minn Malta. La darba l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki jikkudizzjoni tali rikonoxximent ai termini tal-artikolu 3 hawn fuq citat allura r-rikorrent ma kienx jissodisfa l-ebda wahda mill-kriterji professjonali tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.31.

Illi pero`, t-Tribunal ma jistghax ma josservax illi l-MRA kellha kull opportunita` li twaqqaf lir-rikorrent milli jaghmel il-kors offrut minnha fl-2010 jekk hasset li r-rikorrent ma kienx kandidat idoneu biex japplika ghal-licenzja in kwistjoni. Kif jirrizulta mill-applikazzjoni a fol. 104 ir-rikorrent bl-ebda mod ma pprova jqarraq bl-Awtorita` stante li mal-applikazzjoni ghall-kors huwa ssottometta ghall-iskrutinju taghha l-kwalifici akkademici u professjonali tieghu. Kwindi l-MRA kien messha waqqfitu jew gibditlu l-attenzjoni dwar dan il-fatt. Madankollu minn dan kollu ma sar xejn u r-rikorrent hallas elf u mitt ewro (€1100) u thalla jaghmel kors intensiv bl-aspettazjoni legittima li jekk jittermina l-kors b'success, kif fil-fatt ghamel, kien se jigi approvat mill-Awtorita` bhala "persuna kompetenti" biex ticcertifika sistemi ta' LPG. Dana kollu se jigi rifless fl-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi madankollu, anke jekk dan it-Tribunal japplika l-ligi kif kienet fiz-zmien tal-applikazzjoni odjerna, ma huwiex tal-fehma illi r-rikorrent kien

jikkwalifika biex jitqies bhala "persuna kompetenti" ai fini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.31 u ghalhekk mhux il-kaz li d-decizjoni appellata tigi revokata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrent u konsegwentement jilqa' r-risposta tar-Regolatur intimat.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ikunu a karigu tar-Regolatur intimat.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**